# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' April 1999**

**Numru 8**

**Citaz. numru 1274/91DS**

Joseph Gerada bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Thos C. Smith Insurance Services Limited u dina bhala mandatarja ta' L'Union des Assurances De Paris bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Charles Mercieca & Co. Limited

vs

Godwin Abela u Andrew E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Co. Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Novembru 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Fis-26 ta' Novembru 1990 l-assigurat tal-attur nomine importa gewwa Malta permezz tal-bastiment m.v. Tiha 22 bundles white deal, sawn timber;

Meta din il-merkanzija giet irtirata mill-importatur instab li kien hemm il-hsara kif jidher car mill-anness Survey Report markat Dok. A.

Il-merkanzija kollha giet konsenjata lill-bastiment u dana fi stat tajjeb kif jidher mill-polza ta' kariku annessa u markata Dok. B izda dina ma gietx konsenjata lill-importatur fl-istess stat.

U peress li l-merkanzija kienet fil-kustodja tas-socjeta konvenuta meta xxarbet.

U peress li l-konvenuti nomine naqsu li jadempixxu l-obbligi taghhom li jikkonsenjaw il-merkanzija fi stat tajjeb kif ircevewha u/jew kienu negligenti fil-kustodja tal-merkanzija billi ma hadux il-misuri necessarji sabiex jipprotegu l-merkanzija milli tixxarrab bix-xita u ghalhekk huma responsabbli ghal hsarat sofferti

U peress li l-attur nomine, hallas lill-importatur assigurat tieghu s-somma ta' Lm701.34 (seba mija u wiehed liri Maltin u erbgha u tletin centezmi) ghal dan it-telf u gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat kif jidher mill-anness Dok. C.

Peress li s-socjeta' attrici hallset ukoll l-ammont ta' Lm92.60 (tnejn u disghin liri Maltin u sittin centezmi) bhala spejjes inkorsi n-konnessjoni ma dan il-claim.

U peress li l-konvenuti nomine naqsu li jhallsu ghat-telf u/jew hsara ghalkemm interpellati;

Talab ghalhekk li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li huma responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assigurat tal-attur nomine.

2. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine l-ammont ta' Lm793.94 (seba mija tlieta u disghin liri Maltin u erba u disghin centezmi)

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-pagament sad-data tar-rifuzjoni effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija in kwistjoni giet konsenjata lill-burdnar tal-assigurat tal-attur noe minghajr rimarki ta’ tixrib kif jidher ampjament car mill-Gate Passes Out hawn esebiti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta' Jannar 1992 li permezz tieghu giet nominata l-Avukatessa Dottor Evelyn Micallef (illum Caruana Demajo) bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni minnha mahlufa fit-23 ta' Frar 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jirrizulta mill-provi li s-socjeta' *Charles Mercieca & Co. Ltd.* importat tnejn u ghoxrin bundle injam "white deal sawn timber" fuq il-bastiment TIHA li wasal Malta fis-26 ta' Novembru 1990. L-injam kien tghabba fi stat tajjeb fuq il-bastiment u meta nhatt fid-29 u fit-30 ta' Novembru 1990 jidher li kien fi stat tajjeb ukoll. Difatti t-*tally sheets* relattivi ma fihom l-ebda rimarka. L-injam gie konsenjat lill-importatur fis-6 ta' Dicembru 1990. Dan jirrizulta mill-*gate pass-outs* annessi man-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine u mnejn ukoll jista' jinghad li ma jirrizulta l-ebda kumment salv ghal dak bin-numru 43921 li jindika li "1 bndle containing 185 pieces". Apparti dan hemm indikat li l-importatur "received the goods in good order and condition".

Charles Mercieca, direttur tas-socjeta' importatrici, xehed li dakinhar li rtiraw il-merkanzija raha fil-mahzen taghhom u sab li kienet imxarba fil-maggor parti taghha. Ghalhekk sar *claim* mas-socjeta' attrici assiguratrici li nkarigat lis-*surveyor* taghha Pierre Dalmas biex jaghmel *survey*. Huwa mar jara l-injam fil-mahzen tal-assigurat fl-10 ta' Dicembru 1990 izda dan ma kienx kompletament accessibbli u ghalhekk bi qbil mas-socjeta' assiguratrici, is-socjeta' importatrici assigurata giet mitluba tifrex ix-xoghol biex ikun jista' jsir *survey* iehor. Dan sar fit-8 ta' April 1991. Irrizulta li 547 bicca njam minn total ta' 3,180 kienu mxarba u bil-moffa. Fis-*survey report* a fol. 6 naqraw li *"the consignee stated that the damaged portion of the consignment came from the top and sides of the bundles, i.e. from those parts which were exposed to the elements"* u li *"the wettage has caused the timber to mould which had in turn discoloured the timber."* Inoltre minn analizi ta' kampjun li sar f'laboratorju, irrizulta li *"the sample was chlorides-free, indicating that the timber had not been in contact with seawater."*

L-attur nomine jsostni li l-hsara saret bix-xita waqt li l-injam kien fil-pussess tas-socjeta' konvenuta. Mill-banda l-ohra s-socjeta' konvenuta

tghid li l-injam kien mahzun ghandha taht tinda u qed tistrieh fuq id-dikjarazzjoni fil-*gate pass-outs* li l-merkanzija kienet *received ... in good order and condition*.

Issa huwa minnu li l-istqarrija fuq il-*gate pass-outs* tohloq prezunzjoni favur is-socjeta' konvenuta, izda hija prezunzjoni *juris tantum* li kontra taghha tista' tingieb prova kuntrarja. Hekk fis-sentenza taghha tat-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe** (Vol. LXXIII.iv.948), il-Qorti tal-Kummerc qalet:

> *"Dawn iz-zewg dokumenti* (it-*tally sheet* u l-*gate pass-out*), *ghall-iskopijiet tal-proceduri gudizzjarji, waslu biex, bhala prova, joholqu prezunzjoni* ***juris tantum*** *li dak li jindikaw hija l-verita' – sakemm ma jkunx hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju."*

U fil-kawza fl-ismijiet **Av. Dr Giovanni Griscti noe vs James Gollcher et noe et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ottubru 1998 (Citaz. Nru. 338/91 NA) intqal:

> *"...din il-prova* (tal-*gate pass-out*), *salv il-kuntrarju, ghandha tkun prova tal-kontenut ta' dak illi gie dikjarat. Hija ghalhekk prova* ***juris tantum*** *li tista' tigi ribattuta mill-kontro-parti biex dina jirnexxilha tannulla l-valur probatorju taghha. F'kawza civili, ghalhekk, f'kazijiet bhal dawn, mhux biss l-attur irid jipprova fuq bilanc ta' probabilta' li t-tezi tieghu hija dik korretta, pero' jrid jaghmel dan b'ferm aktar konvinzjoni f'dawk il-kazijiet fejn il-konvenut igib prova li tmur kontra l-premessi attrici."*

Issa mill-provi prodotti m'hemmx dubju li l-injam ma xxarrabx meta kien fuq il-vapur. Dan hu eskluz kemm mill-*joint tally sheets* (Dok. PM1 sa PM4) esebiti minn Dr. Philip Manduca fis-seduta peritali tad-19 ta' Jannar 1993, kif ukoll mill-analizi li sar kif rizultanti mis-*survey report* a fol. 6 tal-process u li jindika li l-kampjun kien "chlorides-free, indicating that the timber had not been in contact with seawater."

L-attur nomine, tramite d-difensur tieghu Dr Philip Manduca, esebixxa wkoll rapport mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili dwar ix-xita li nizlet f'Malta bejn it-30 ta' Novembru 1990 u l-11 ta' Dicembru 1990.

Minn hawn fil-fatt jidher li bejn it-30 ta’ Novembru u s-6 ta’ Dicembru ghamlet xita kuljum.

L-attur nomine pproduca wkoll lil Charles Mercieca, direttur tas-socjeta’ importatrici, li xehed li ra l-injam dakinhar stess li rtiraw ix-xoghol, cioe’ fis-6 ta’ Dicembru 1990, u rah fil-mahzen taghhom fil-maggor parti mxarrab. B’hekk it-tixrib ma setax sar fil-mahzen tas-socjeta’ importatrici.

Il-possibiltajiet ghalhekk huma tnejn: jew li l-injam ixxarrab meta kien fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta jew meta kien qieghed jittiehed minghand is-socjeta’ konvenuta sal-mahzen tas-socjeta’ importatrici.

Il-perit legali eskludiet it-tieni possibilta’ peress li “x-xita li ghamlet fis-6 ta’ Dicembru 1990 meta ttiehed l-injam ghand l-importatur, kienet ftit wisq – medja ta’ tlieta punt sebgha millimetri (3.7 mm.) – biex setghet ghamlet dik il-hsara kollha.”

Ghalhekk, stante li gie eskluz li t-tixrib sar bl-ilma bahar fuq il-bastiment, li sar bix-xita waqt li l-injam kien *in transit*, u anke li seta’ sar minhabba *leakage* ta’ ilma fil-mahzen ta’ l-importatur, hija kkonkludiet li l-provi huma serji u precizi bizzejjed biex jeghlbu l-prezunzjoni mahluqa mill-*gate pass-outs* u li fuq bilanc ta’ probabiltajiet l-attur nomine wera li aktarx li l-hsara grat waqt li l-injam kien depozitat ghand is-socjeta’ konvenuta.

Minn ezami tal-provi l-Qorti tasal biex taqbel mal-konkluzjonijiet peritali u ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni rizultanti.

L-attur nomine qieghed jitlob danni fl-ammont ta’ Lm793.94, kwantu ghal Lm701.34 imhallsa lis-socjeta’ assigurata importatrici u kwantu ghal Lm92.60 spejjez. Dawn ma gewx kontestati u jidhru gustifikati.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, u

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assigurat tal-attur nomine, u

(2) tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine s-somma mitluba ta’ Lm793.94.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti nomine.

Grazio Galea
D/Registratur